**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Frar 2017**

Numru 3

**Rikors Nru. 58/2015**

**PC 1265 David Camilleri**

**vs**

**Spettur Ramon Mercieca u Spettur Jesmond Micallef,**
**It-tnejn mill-Ufficcju tal-Affarijiet Interni tal-Korp tal-Pulizija,**
**Spettur Nicholas Vella, Kummissarju tal-Pulizija,**
**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-25 ta' Gunju 2015 li jghid hekk:

Illi r-rikorrent jifforma parti mir-Rapid Intervention Unit tal-Korp tal-Pulizija.

Illi fit-3 ta' Mejju 2015, waqt li r-rikorrent kien fuq ir-ronda bil-karozza tas-servizz flimkien mal-kollega tieghu PC 575 Mark Tonna, huma hassew il-htiega li jmorru fuq is-sewwieq ta' karozza li kienet qieghda tisserpeggja u tixxengel u spiccat waqfet mal-bankina. Is-sewwieq Jean Paul Aquilina, li kellu mieghu fil-karozza lit-tfajla tieghu, kien aggressiv maghhom u spicca aggredihom billi xejrilhom diversi daqqiet u ssara maghhom sakemm spicca fl-art fuq ir-rikorrent u beda jghafsu minn ghonqu, tant illi kellu jintervjeni PC Mark Tonna, li wkoll spicca aggredit minn Jean Paul Aquilina. Dan sahansitra pprova jiehu pussess tal-arma tas-servizz tar-rikorrent. Kellhom jissejhu r-rinforzi biex dan ir-ragel

vjolenti jigi mizmum u mmanettjat. Ir-rikorrent sofra diversi griehi fuq gismu (Dok. 1) u kellu l-flokk tas-servizz imqatta'.

Illi sussegwentement, u precizament fit-8 ta' Mejju 2015, l-intimati Spettur Ramon Mercieca u Spettur Jesmond Micallef mill-Internal Affairs Unit tal-Pulizija baghtu ghar-rikorrent. Huma interrogawh u anki hadulu l-ewwel stqarrija (Dok. 2).

Illi sadanittant inbdew il-proceduri kriminali kontra l-istess Jean Paul Aquilina, -li gie mixli b'diversi akkuzi u wara ntalbet iz-zieda ta' diversi akkuzi ohra.

Illi fit-28 ta' Mejju 2015 ir-rikorrent gie msejjah biex jixhed fil-proceduri kriminali kontra Jean Paul Aquilina. Hekk kif spicca jixhed, huwa gie msejjah ghat-tieni darba miz-zewg intimati mill-Internal Affairs Unit tal-Pulizija, u dan hadulu t-tieni stqarrija (Dok. 3), saghtejn biss wara li temm ix-xiehda tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

IIli gimgha wara, u precizament fit-2 ta' Gunju 2015, ir-rikorrent gie nfurmat li ser jigi mressaq quddiem il-Qorti u nghata kopja tal-akkuzi mahruga kontra tieghu.

Illi meta r-rikorrent gie msejjah biex jixhed fil-proceduri kriminali kontra Jean Paul Aquilina, l-ufficjal prosekutur, l-intimat Spettur Nicholas Vella, ma tah l-ebda hjiel iIli kien hemm il-hsieb li jinhargu akkuzi kontra tieghu u inoltre ma talabx lill-Qorti tal-Magistrati biex taghtih it-twissija li tinghata lil kull xhud li fir-rigward tieghu jkunu sejrin jittiehdu proceduri kriminali.

lIli barra minn hekk, l-intimati Spettur Ramon Mercieca u Spettur Jesmond Micallef tal-Internal Affairs Unit diga kellhom il-hsieb li johorgu akkuzi kontra tieghu, izda ma nfurmawhx b'dan, minkejja li saghtejn wara li temm ix-xiehda tieghu fil-kompilazzjoni kontra Jean Paul Aquilina huma interrogawh it-tieni darba u hadu stqarrija ohra min ghandu bil-hsieb li jressquh il-Qorti bhala persuna akkuzata.

IIli barra minn hekk, il-Qorti tal-Magistrati ma taghtu l-ebda twissija (caution) li tinghata lil kull xhud li fir-rigward tieghu jkunu sejrin jittiehdu proceduri kriminali, la qabel id-deposizzjoni u lanqas fil-kors tax-xiehda tieghu, imqar jekk ikun qed jigi espost ghal procediment kriminali kontra tieghu.

IIli b'rizultat ta' dan kollu, gie vvjolat b'mod manifest id-dritt kostituzzjonali tar-rikorrent, garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319), jigifieri d-dritt ghas-silenzju, maghruf ukoll bhala “the privilege against self-incrimination".

Illi, inoltre, l-intimati mill-Internal Affairs Unit uzaw raggiri fuq ir-rikorrent waqt it-tieni interrogatorju tieghu billi bdew jghidulu li fir-recording li kellha l-Pulizija, kienu jinstemghu l-kliem "ha toqtluh", u dan meta dawn il-kliem ma kienux jezistu fir-recording fil-pussess tal-Pulizija.

IIli minhabba dawn il-vjolazzjonijiet tad-dritt kostituzzjonali tieghu ghas-silenzju u tal-"privilege against self-incrimination", u cioe, id-dritt ghall-harsien milli wiehed jinkrimina ruhu garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-

Drittijiet tal-Bniedem (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319), mill-Pulizija u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-proceduri kriminali kontra tieghu huma vizzjati, nulli u bla effett.

Illi l-Pulizija li kienu responsabbli mill-investigazzjoni tal-kaz naqsu li jaghmlu lil Jean Paul Aquilina tfittxija fil-karozza tieghu u fir-residenza tieghu, stante li hu kien heddidhom li ghandu revolver u juzah fuqhom. Barra minn hekk, l-istess Pulizija li kienu responsabbli mill-investigazzjoni tal-kaz naqsu li jaghmlu breathalyser test lil Jean Paul Aquilina u jehdulu kampjun tad-demm jew tal-urina sabiex jigi stabbilit jekk kienx taht l-influwenza ta' xi sostanza illegali, u dan in vista tal-vjolenza u tas-sahha barranija li huwa uza fuq ir-rikorrent u l-kollega tieghu.

Illi barra dan, l-intimati mill-Internal Affairs Unit ghamlulu pressjoni u ssikkawh biex ma jinvolvix lit-trade union tieghu. Inoltre, lir-rikorrent u lil Mark Tonna qalulhom "thallux min jinqeda bikom biex jiggadanjaw" u li l-union taghhom "dawwritha f'politika". Huma qalulhom ukoll "ghidu lil tal-union taghkom biex ma jersqux lejn l-awla tal-Qorti". Inoltre, l-intimati mill-Internal Affairs Unit baqghu jaghmlu hilithom biex jiskoraggixxu u jinfluwenzaw lir-rikorrent halli ma jirrikorrix ghand it-trade union tieghu. Dan, bi ksur tal-artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319) li jiggarantixxi lir-rikorrent id-dritt ghal-liberta ta' ghaqda u assocjazzjoni, liema dritt gie vvjolat fil-konfront tar-rikorrent miz-zewg intimati Spettur Mercieca u Spettur Micallef.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha –

(1) Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-drittijet fondamentali tar-rikorrent.

(2) Tiddikjara li r-rikorrent PC 1265 David Camilleri sofra vjolazzjonijiet tal-artikoli 6 u 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319),

(3) Tordna t-twaqqif tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent stante li dawn huma vizzjati, nulli u bla effett.

(4) Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq, komprizi l-ispejjez legali, id-danni pekunjarji u d-danni non-pekunjari, lir-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-intimat Spettur Nicholas Vella li tghid hekk:

1. Preliminarjament, huwa sinifikanti kif ir-rikorrent hass il-htiega, pjuttost inspjegabbli, li jintavola dawn il-proceduri fil-vesti tieghu ta' ufficjal tal-Korp tal-Pulizija (PC 1265).

2. Preliminarjament ukoll, l-esponent ma hux il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi kif dedotti kontrih fir-rikors promotur stante illi l-esponent, f'dik ll-parti tal-lanjanza tar-rikorrent li tikkoncerna lilu, kien qed jagixxi qua ufficjal tal-Korp tal-Pulizija u Ufficjal Prosekutur quddiem Qorti tal Gurisdizzjoni Kriminali, u dan f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija, u ghalhekk hu l-lstess Kummissarju tal-

Pulizija li jwiegeb ghall-ghemil tal-esponent fi procedura bhal din u f’cirkostanzi bhal dawk odjerni.

3. IIIi l-unika lanjanza tar-rikorrent fil-konfront tal-intimat li dwarha ntalab rimedju, u li tirreferi ghal episodju li sehh qabel ma gew intavolati proceduri kriminali kontra r-rikorrent, hi mfissra fit-tielet paragrafu tat-tieni faccata tar-rikors promotur, u tghid "Illi meta r-rikorrent gie msejjah biex jixhed fil-proceduri kriminali kontra Jean Paul Aquilina, l-ufficjal prosekutur, l-intimat Spettur Nicholas Vella, ma tah l-ebda hjiel illi kien hemm il-hsieb li jinhargu akkuzi kontra tieghu u inoltre ma talabx lill-Qorti tal-Magistrati biex taghtih it-twissija li tinghata lil kull xhud li fir-rigward tieghu jkunu sejrin jittiehdu proceduri kriminali".

4. lIli r-rikorrent jilmenta li b'din id-deposizzjoni tieghu, gie lez id-drltt tieghu ta’ privilege against self-incrimination, ossia d-dritt ghas-silenzju. Bl-issollevar ta’ dan l-ilment :
a. ir-rikorrent stess qed jaccetta li mid-deposizzjoni tieghu, jirrizultaw fatti li jistghu jinkriminawh, u dan meta kien qed jixhed bil-gurament;
b. sal-lum, din id-deposizzjoni ma gietx inserita fil-proceduri penali kontra r-rikorrent. Hu biss minn dak il-mument, u biss u jekk it-traskrizzjoni ta’ din id-deposizzjoni tigi nserita fil-proceduri penali kontra r-rikorrent, li jista' jitwieled l-interess tar-rikorrent. Sal-lum, l-interess guridiku tar-rikorrent li jippromwovi din l-istanza dwar l-ilment li hemm fil-konfront tal-esponent ghadu ma twelidx.
c. iIli ghalhekk il-procedura odjerna hi wkoll wahda intempestiva, kif ukoll billi l-process penali jrid jitqies fl-assjem tieghu, u mhux f’episodji izolati u meta sahansitra ghadu lanqas biss kien hemm l-ewwel smigh tal-kawza penali kontra r-rikorrent.

5. lIli l-esponent f’kull kaz ma kienx a konoxxenza tal-fatt li kienu ser jittiehdu proceduri penali kontra r-rikorrent meta dan iddepona minn jeddu fil-proceduri penali kontra Jean Paul Aquilina, li fihom ir-rikorrent stess ikkostitwixxa ruhhu bhala l-parti leza u cioe bhala parte civile, u meta xehed volontarjament ghamel dan fil-presenza u bl-assistenza tal-avukat tieghu kif ukoll fil-presenza tal-President tal-Union li minnha jifforma parti (li hu wkoll Spettur tal-Pulizija u avukat). L-esponent ma kien bl-ebda mod partecipi fl-investigazzjoni li saret mill-Pulizija dwar ir-rikorrent u certament li ma kienx jaf, meta xehed ir-rikorrent, li kien hemm il-hsieb li jittiehdu proceduri penali kontra tieghu.

6. lIli r-rikorrent, minn dak li qed jistqarr fir-rikors promotur stess, precedentement ghal dakinhar li xehed fit-28 ta’ Mejju 2015, kien diga gie nterrogat u ttehditlu l-ewwel stqarrija mill-Pulizija fit-8 ta’ Mejju 2015. Presumibbilment gie mwissi dakinhar tat-8 ta’ Mejju 2015 li kellu d-dritt li jibqa' sieket, u kif jammetti hu stess, ghazel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu dakinhar.

7. IIIi bhala Ufficjal tal-Korp tal-Pulizija li hu mharreg biex jgharraf lis-suspettati dwar reati bid-dritt taghhom li jibqghu siekta, ir-rikorrent indubbjament kien jaf b'dan il-jedd li kellu u ma kellu bzonn lil hadd jgharrfu b'dak li kien abbundantement maghruf ghalih. Nonostante dan, ghazel minn jeddu u fil-presenza u bl-assistenza tal-avukat tieghu, li jixhed fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2015 quddiem il-Qorti.

8. Illi f'kull kaz, hu inkoncepibbli kif l-esponent, qua ufficjal Prosekutur f'kawza kontra terz, qed jintalab iwiegeb ghal lezjoni tal-jedd fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq fi proceduri ohra (li fihom l-esponent ma huwiex l-Ufficjal Prosekutur). Ir-rikorrent, fil-kawza pendenti kontra Jean Paul Aquilina, ma kellu ebda obbligu li jaghti xi twissija lir-rikorrent li seta' jinkrimina ruhhu b'dak li kien ser/qed jiddeponi dwaru, aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li l-esponent ma kienx jaf li kienu ser jittiehdu xi proceduri kriminali kontra r-rikorrent. Hu inkoncepibbli li wiehed jippretendi li din it-twissija tinghata dejjem u f'kull kaz meta xhud jigi biex jiddeponi, partikolarment meta jkollok ufficjal tal-Korp li qed jixhed dwar reat li hu suppost kien involut fih biss biex jipprevjenih jew iwaqqfu jew jinvestigah skont il-ligi.

9. IIIi bla ebda pregudizzju u bla ebda hsara ghall-premess, u biss jekk din l-Onorabbli Qorti xorta ssib li meta r-rikorrent xehed kellu xi jedd fundamentali tieghu li gie lez, ir-rimedju ma ghandux ikun dak li qed jitlob ir-rikorrent, izda dikjarazzjoni li d-deposizzjoni li kien offra quddiem ll-Qorti fil-kawza kontra Jean Paul Aquilina m'ghandiex tintuza fil-proceduri penali pendenti kontra tieghu, tkun aktar milli bizzejjed biex jissewwa kwalunkwe pregudizzju li qed jilmenta minnu r-rikorrent.

10. IIIi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent kif diretti kontra l-intimat ma jimmeritawx akkoljiment, u ghandhom jigu michuda u misjuba bhala merament frivoli, fiergha u vessatorji, bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ir-risposta tal-intimati Spetturi Mercieca u Micallef li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari, ma humiex il-legittimi kontradittури stante illi f'lanjanza ta' natura kostituzzjonali, u cioe fejn ir-rikorrent jilmenta minn allegat ksur ta' dritt fundamentali mill-Istat, ma jistghux jirrispondu ghalih l-esponenti personalment jew adirittura jirrispondu ghall-Korp tal-Pulizija, izda se mai intimati ohrajn gia inkluzi f'din il-kawza ghandhom jaghmlu dan;

2. Illi in linea preliminari ukoll, ir-rikorrent ghandu jiddikjara ghalfejn din il-kawza giet intavolata minnu fil-vesti ufficjali tieghu bhala pulizija, li jaqa' taht l-Awtorita tal-Kummissarju tal-Pulizija intimat, meta jirrizulta ampjament illi ma hemm ebda lanjanza marbuta mal-fatt illi huwa ufficjal pubbliku jew membru tal-Korp tal-Pulizija;

3. Illi in linea preliminari wkoll, mill-premessi u t-talbiet tar-rikorrent, ma huwiex sufficjentament car l-ilment huwiex indirizzat kontra:
a. proceduri kontra Jean Paul Aquilina fejn xehed ir-rikorrent, u/jew
b. proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti, u/jew
c. l-investigazzjoni interna tal-pulizija fil-konfrontt tar-rikorrent.

4. Illi in linea preliminari ukoll, l-azzjoni de quo ghall-allegat ksur ta' dritt tas-silenzju (jew privilege against self incriminaltion) hija mproponibbli u dan peress illi:
a. in kwantu hija diretta kontra l-proceduri kontra Jean Paul Aquilina, ir-rikorrent kien merament xhud, xehed volontarjament u kellu rimedji ohrajn

x'jezercita tenut kont tal-fatt illi kien assistit minn avukat. Inoltre ebda ilment ma tqajjem f'dak l-istadju;
b. in kwantu hija diretta kontra l-validita tal-azzjoni kriminali mehuda kontra r-rikorrent, sallum ma tezisti ebda prova li tista' b' xi mod tilledi xi dritt ta' silenzju. Il-provi li ser jitresqu f'dawk il-proceduri da parti tal-prosekuzzjoni gew dikjarati fil-verbal tal-ewwel seduta u anke hemm ma tqajjem EBDA ILMENT. Huwa sinjifikanti illi din is-seduta inzammet wara l-prezentata ta' din il-KAWZA!
c. in kwantu hija diretta kontra l-investigazzjoni interna, din hija ormai maghluqa u liema investigazzjoni ma ghandha ebda rilevanza ghall-proceduri kriminali stante illi l-investigazzjoni saret limitatament sabiex jigi determinat jekk kienx hemm kaz kriminali x'jitressaq u li htija o meno ghad trid tigi determinata minn Qorti. Ghal darba ohra, ma tqajjem ebda ilment f'dak l-istadju;

5. Illi in linea preliminari wkoll, kemm-il darba r-rikorrent qieghed jilmenta dwar il-fatt illi d-deposizzjoni tieghu, li ex admissis jirrizulta li fiha fatti inkriminanti, tista' tintuza f'xi proceduri, tali lment huwa fieragh u intempestiv peress illi sallum ebda deposizzjoni tieghu ma giet uzata jew prezentata f'xi proceduri kontra r-rikorrent;

6. Illi in linea preliminari wkoll, filwaqt illi l-esponenti huma estranji ghall-proceduri kriminali kontra Jean Paul Aquilina, ghal dak li jirrigwarda l-investigazzjoni interna fuq ir-rikorrent, u l-passi sussegwenti li ttiehdu fil-konfront tar-rikorrenti, ir-rekwiziti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja gew skrupolozament segwiti u ghalhekk ma hemm ebda ksur tal-istess artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ir-rikorrenti dejjem inghata full disclosure, dritt li jikkonsulta mal-avukat tax-xelta tieghu u gie debitament infurmat bid-drittijiet tieghu (inkluz dak li ghandu d-dritt li jibqa' sieket) u nghata twissija formali (caution);

7. Illi in linea preliminari wkoll, il-kumulu tat-talbiet, ossia l-allegat ksur tal-artikolu 6 u l-allegat ksur tal-artikolu 11 tal-Kovenzjoni Ewropeja hija mproponibbli u ma hemm ebda ness bejniethom;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent jonqos milli jelenka carament x'talbiet qieghed jivvanta u dan senjatament x'rimedju qieghed jipprova jottjeni ghall-allegat ksur tal-artikolu 6 u 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja; fil-konfront ta' liema procedura u f'liema forma qieghed jitlob rimedju; u lanqas ma hemm indikazzjoni tal-kumpens u danni li qieghed jitlob u jippretendi r-rikorrent;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jistax jintalab kumpens flimkien ma' danni, u lanqas ma jistghu jintalbu danni akwiljani, liema danni huma soggetti ghal kawza civili;

10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm ebda ksur tal-artikolu 11 tal-Konvenjoni Ewropeja u kif ser jigi muri fil-mori tal-kawza odjerna, ir-rikorrent kien u ghadu membru ta' unjin u addirittura ghandu l-assistenza legali fornuta mill-istess unjin;

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent, ma kien hemm ebda raggir da parti tal-esponenti u din l-allegazzjoni ma hija xejn hlief skuza inveritiera sabiex jippruvaw joskuraw l-operat tal-esponenti;

12. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jirribattu li r-rikors odjern huwa frivolu u vessatorju in kwantu l-allegazzjonijiet u t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur, fejn ir-rikorrent qed jipprova jpingi cirkostanzi ferm diversi minn kif svolgew fir-realta, huma bir-rispett dovut insostenibbli u jidher li r-rikorrent qed jabbuza minn din il-procedura straordinarja in kwantu huwa manifest li dawn il-proceduri huma intizi unikament sabiex jittenta jixhed dell ikrah fuq l-operat u l-investigazzjonijiet tal-Pulizija u sabiex jostakola l-proceduri kollha pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li skattaw mill-incident tat-3 ta' Mejju, 2015, inkluz il-proceduri kriminali li ittiehdu fil-konfront tar-rikorrent li ghadhom fi stadju bikri;

2. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, hija l-umli fehma tal-esponenti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 in kwantu r-rikorrent ghandu r-rimedju ordinarji disponibbli ghalih li jiddefendi l-posizzjoni tieghu u jqajjem l-eccezzjonijiet kollha permissibbli mill-ligi fil-proceduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li bdew fl-14 ta' Lulju, 2015;

3. Illi wkoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrilevaw li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante li l-proceduri kriminali li gew istitwiti fil-konfront tar-rikorrent ghadhom kemm bdew fl-14 ta' Lulju, 2015 u ghalhekk meta gie intavolat ir-rikors odjern fil-25 ta' Gunju, 2015, certament mhux minnu li r-rikorrent jista’ jillanja li ma inghatax smigh xieraq minn Qorti imparzjali fi zmien ragjonevoli fl-imsemmija proceduri kriminali istitwiti fil-konfront tieghu;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jopponu t-talbiet kif avvanzati fir-Rikors Promotur stante li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma "kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghal diversi ragunijiet, fosthom is-segwenti li qeghdin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:
(i) jidher li permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikorrent qed jipprova jpingi sitwazzjoni fejn qed jallega li hu vittma tac-cirkostanzi, filwaqt li fil-verita l-investigazzjoni li saret fil-konfront tieghu u l-proceduri kriminali sussegwenti li ittiehdu fil-konfront tieghu a bazi tal-ezitu tal-istess investigazzjoni kienu unikament il-frott tal-agir illegali tieghu mentri bhala ufficjal tal-Pulizija ghandu

d-dmir u l-obbligu li jaderixxi skont l-Att dwar il-Pulizija (Kap. 164) u l-Kodici Kriminali (Kap 9);
(ii) ir-rikorrent, li huwa ben konoxxenti tad-drittijiet tieghu in kwantu huwa parti minn xogholu, ghazel li jixhed liberalment quddiem il-Magistrat Inkwerenti del resto fil-presenza tal-Avukat difensur tal-fiducja tieghu li hi anke l-Avukat tal-Union li prezentament ir-rikorrent hu affiljat maghha, u anke fil-presenza tal-President tal-Union l-Ispettur Sandro Camilleri li hu Prokuratur Legali ukoll. Bhala Ufficjal tal-Pulizija, huwa kien ben konxju tad-drittijiet tieghu li jibqa' sieket u issa permezz tal-azzjoni odjerna qed jillanja dwar il-fatt li ma nghatax il-caution quddiem il-Magistrat Inkwerenti;
(iii) meta irrilaxxa z-zewg stqarrijiet rispettivament fit-8 u fit-28 ta' Mejju, 2015 quddiem il-Bord Investigattiv, huwa nghata t-twissija skont il-ligi kull darba u gie spjegat lilu l-fatt li setgha jipprevalixxi ruhu mill-assistenza ta' avukat qabel ma irrilaxxa l-istess stqarrijiet; haga li hu liberalment ghazel li jirrinunzja ghaliha;
(iv) inoltre r-rikorrent ghandu kull opportunita li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu fir-rigward tal-imsemmija xhieda li ta bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwerenti li, se mai jekk titressaq eccezzjoni f'dan ir-rigward, il-Qorti koncernata ghandha tikkunsidra l-valur probatorju taghha fit-totalita tal-provi kollha prodotti fil-proceduri koncernati;

5. Illi kwalunkwe allegazzjoni da parte tar-rikorrent fis-sens li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu ai termini tal-artikoli 6 u/jew l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea huma manifestament insostenibbli, senjatament tenut kont tal-fatt li l-investigazzjoni u l-proceduri kriminali sussegwenti fil-konfront tar-rikorrent ittiehdu unikament minhabba tal-agir illegali tieghu u cioe li uza forza eccessiva fuq terza persuna bil-konsegwenza li ikkawza feriti fuq il-persuna; reat li kien fl-obbligu tieghu li jipprevjeni u mhux li jikkometti hu stess;

6. Illi kwalunkwe allegat ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-artikoli 6 u 11 tal-Konvenzjoni Ewropea, huma manifestament infondati u vessatorji stante li mhux minnu li xi wiehed mill-esponenti kiser b'xi mod id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 6 u/jew 11 tal-Konvenzjoni Ewropea. Inoltre, jidher li r-rikorrent qed jibbaza r-rikors odjern fuq spekulazzjonijiet gratwiti li ma jsibu l-ebda sostenn fir-realta, stante li mhux minnu li l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent huma vizzjati u/jew l-Ispetturi intimati fi hdan l-Internal Affairs ghamlu xi pressjoni u issikkawh biex ma jinvolvix lit-trade union tieghu, kif qed jigi allegat fir-rikors in risposta. Dan peress li kemm waqt il-proceduri u kemm waqt l-investigazzjoni ghadu qed jigi assistit mill-Avukat tal-Union;

7. Ghandu jinghad ukoll li, huwa d-dmir u l-obbligu tal-Pulizija li izzomm l-ordni u l-kwiet pubbliku; li ma thallix isiru reati; li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru; li tigbor il-provi; sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun ghamlet dak ir-reat, u li tressaq kull persuna akkuzata quddiem l-awtorita gudizzjarja. Ghalhekk, il-qadi ta' dan id-dmir u l-obbligi rispettivi tal-esponent Kummissarju u tal-Ispetturi intimati ma jistghu qatt iwasslu ghall-allegat ksur tad-drittijiet tar-rikorrent; senjatament tenut kont tal-fatt li kemm l-esponent Kummissarju kif ukolll-Ispetturi koncernati agixxew fil-parametri tal-ligi; apparti li l-Magistrat Sedenti fil-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent li bdew fl-14 ta' Lulju, 2015 qed imexxi l-istess proceduri skont id-dettami tal-ligi u tal-gustizzja;

8. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea lanqas ma jregu stante li, a kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat, ir-rikorrent ghandu kull opportunita li jiddefendi l-posizzjoni tieghu fl-imsemmija proceduri kriminali quddiem il-Magistrat Sedenti billi fic-cirkostanzi odjerni anke iressaq dawk l-eccezzjonijiet li jidhrulu xieraq. Ghalhekk, kwalunkwe allegazzjoni f'dan ir-rigward hija ukoll manifestament infondata u insostenibbli stante li mhux minnu li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent huma vizzjati, nulli u bla effett; kif qed jigi allegat mir-rikorrent fir-rikors odjern;

9. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea huma insostenibbli wkoll stante li r-rikorrent kien u ghadu membru tal-Union tal-ghazla tieghu u hadd mill-intimati ma ghamillu xi pressjoni sabiex ma jinvolvix lit-Trade Union tieghu, kif qed jigi konvenjentament allegat. Ghalhekk, kwalunkwe allegazzjoni f'dan ir-rigward hija wkoll manifestament infondata u insostenibbli;

10. Illi ghar-ragunijiet fuq esposti, fic-cirkostanzi odjerni kwalunkwe talba ghal hlas ta' kumpens inkluz danni pekunjarji u d-danni non-pekunjari hija infondata u ma ghandhiex tigi akkolta minn din l-Onorabbli Qorti. Madanakollu, dato ma non concesso lil din l-Onorabbli Qorti jidrilha li kien hemm xi ksur, haga li qed tigi opposta bil-qawwa fic-cirkostanzi odjerni, fl-umli fehma tal-esponenti dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Eccezzjonijiet preliminari**

Illi b'verbal tal-10 ta' Novembru 2016 il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari skond il-verbal tal-21 ta' Ottubru 2015 u cjoe fuq (1) sa (3) eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija; l-eccezzjoni 4(b)(c) tal-intimat Spettur Nicholas Vella u l-eccezzjonijiet 4 u 5 tas-Spetturi Ramon Mercieca u Jesmond Micallef.

**Eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali**

1. Illi r-rikors odjern huwa frivolu u vessatorju in kwantu l-allegazzjonijiet u t-talbiet kif dedotti huma intizi sabiex jostakola l-proceduri kriminali pendenti kontra r-rikorrent.
2. Illi r-rikorrent ghandu r-rimedju ordinarji disponibbli ghalih li jiddefendi l-posizzjoni tieghu u iqajjem l-eccezzjonijiet kollha permissibbli mill-ligi fil-proceduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Magi strati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li bdew fl-14 ta' Lulju, 2015.
3. Illi l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante li l-proceduri kriminali gewistitwiti fl-14 ta' Lulju, 2015 mentri r-rikors promotur gie intavolat fil-25 ta' Gunju, 2015, certament mhux minnu li r-rikorrent jista jillanja li ma inghatax smigh xieraq minn Qorti imparzjali fi zmien ragjonevoli fl-imsemmija proceduri kriminali istitwiti fil-konfront tieghu.

**Eccezzjonijiet tal-Ispettur Nicholas Vella**

4. Dwar id-dritt tar-rikorrent tal- privilege against self-incrimination, ossia d-dritt ghas-silenzju:

b. sal-lum, din id-deposizzjoni ma gietx inserita fil-proceduri penali kontra r-rikorrent. Hu biss minn dak il-murnent, u biss u jekk it-traskrizzjoni ta' din id-deposizzjoni tigi nserita fil-proceduri penali kontra r-rikorrent, li jista' jitwieled l-interess tar-rikorrent. Sal-lum, l-interess guridiku tar-rikorrent li jippromwovi din l-istanza dwar l-ilment li hemm fil-konfront tal-esponent ghadu ma twelidx.

c. illi ghalhekk il-procedura odjema hi wahda intempestiva, kif ukoll billi l-process penali jrid jitqies fl-assjem tieghu, u mhux f'episodji izolati u meta sahansitra ghadu lanqas biss kien hemm l-ewwel smigh tal-kawza penali kontra r-rikorrent.

**Eccezzjonijiet tal-Ispettur Ramon Mercieca u tal-Ispettur Jesmond Micallef**

4. Illi l-azzjoni ghall-allegat ksur ta' dritt tas-silenzju (jew privilege against self incrimination) hija mproponibbli peress illi:

d. in kwantu hija diretta kontra l-proceduri kontra Jean Paul Aquilina, ir-rikorrent kien merament xhud, xehed volontarjament u kellu rimedji ohrajn x'jezercita tenut kont tal-fatt illi kien assistit minn avukat. Inoltre ebda ilment ma tqajjem f'dak l-istadju.

e. in kwantu hija diretta kontra l-validita tal-azzjoni kriminali mehuda kontra tieghu, sal-lum ma tezisti ebda prova li tista' b'xi mod tilledi xi dritt ta' silenzju. Il-provi li ser jitressqu f'dawk il-proceduri da parti tal-prosekuzzjoni gew dikjarati fil-verbal tal-ewwel seduta u anke hemm ma tqajjem ebda ilment. Huwa sinjifikanti illi din is-seduta inzarnmet wara l-prezentata ta' din il-kawza.

f. in kwantu hija diretta kontra l-investigazzjoni interna, din hija ormai maghluqa u liema investigazzjoni ma ghandha ebda rilevanza ghall-proceduri kriminali stante illi l-investigazzjoni saret limitatament sabiex jigi determinat jekk kienx hemm kaz kriminali x' jitressaq u li htija o meno ghad trid tigi determinata minn Qorti. Ghal darba ohra, ma tqajjem ebda ilment f'dak l-istadju.

5. Illi in linea preliminari ukoll, kemm-il darba r-rikorrent qieghed jilmenta dwar il-fatt illi d-deposizzjoni tieghu, li ex admissis jirrizulta li fiha fatti inkriminanti, tista' tintuza f'xi proceduri, tali ilment huwa fieragh u intempestiv peress illi sal-lum ebda deposizzjoni tieghu ma giet uzata jew prezentata f'xi proceduri kontra r-rikorrent.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Illi l-Qorti ser l-ewwel tikkunsidra t-tieni eccezzjoni tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali u l-eccezzjoni 4(c) tal-intimat Spettur Nicholas Vella fejn huma stiednu lil din l-Qorti biex tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 in kwantu li r-rikorrent ghandu r-rimedju ordinarji disponibbli ghalih li jiddefendi l-posizzjoni tieghu u iqajjem l-eccezzjonijiet kollha permissibbli mill-ligi fil-proceduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li bdew fl-14 ta' Lulju, 2015. Jekk tintlaqa' dina l-eccezzjoni ma jkunx hemm lok dina l-Qorti tidhol fil-mertu tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati ghal konsiderazzjoni taghha.

F'dawn il-proceduri, ir-rikorrent qed jinsisti Ii huwa sofra ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghax fil-kawza kontra Jean Paul Aquilina la l-ispettur prosekutur Nicholas Vella u lanqas il-Qorti tal-Magistrati ma tawh ebda twissja Ii tinghata lil kull xhud biex ma jinkriminax ruhhu meta deher biex jixhed. Hu ghalhekk qed jallega vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghas-silenzju u tal-privilege against self-incrimination, u konsegwentement qed isostni li l-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu hurna vvizzjati, nulli u bla effett.

Jilmenta ukoll Ii huwa sofra ksur tal-artikolu 11 tal-Konvenzjoni ghax l-intimati Spetturi Mercieca u Micallef mill-Internal Affairs Unit, ghamlu pressjoni fuqu biex jiskoraggixxuh u jinfluwenzawh biex ma jirrikjorrix ghand it-Trade Union tieghu.

**Tikkunsidra**

Il-principji applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk l-individwu ghandux jew kellux disponibbli ghalih rimedji ordinarji effettivi sabiex jindirizzaw l-ilrnent tieghu gia gew stabbiliti mill-Qrati taghna u ghalhekk ma hux il-kaz li jigu hawn ripetuti.

Jigi puntwalizzat biss illi "Il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tal-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha" (ara sentenza **l-Avukat Mark Refalo noe vs Id-Direttur tal-Artijiet et**, Kost 30/09/2016; **Raymond Vella et vs Kummissarju tal-Artjiiet**, Kost 24/05/2004 u **Paul Mifsud vs Kummissarju tal-Artjiiet**, Kost 25/11/2016).

F'dan ir-rigward ukoll, il-Qorti tqis Ii ma tistax tinjora l-kejl suggerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidhol dan l-element ta' ezawriment ta' rimedji domestici

ordinarji, kif stabilit dan l-ahhar f'kawzi Ii jolqtu IiI Malta. (Ara **Brincat et vs Malta**, App Nos 60908/11 u 62110/11) fejn dik il-Qorti qalet hekk :

> It follows that there is nothing legally incorrect about the rulings of the constitutional organs, and the use of an ordinary remedy before the constitutional redress proceedings is not only customary but also desirable in order to avoid burdening the constitutional jurisdictions unnecessarily with cases .... However, even though in the Maltese legal system the ordinary remedy was limited in scope, it cannot be considered ineffective if followed by constitutional redress proceedings, and therefore the existence of an effective aggregate of remedies cannot be denied".

Fil-konfront tal-iSpettur Nicholas Vella r-rikorrent jilmenta li gie vvjolat id-dritt kostituzzjonali tieghu, garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), jigifieri d-dritt ghas-silenzju, jew il-"privilege against self-incrimination".

Hu jaghmel referenza ghall-proceduri kontra Jean Paul Aquilina, u jghid li meta gie msejjah biex jixhed f’dawk il-proceduri, l-ufficjal prosekutur, l-intimat Spettur Nicholas Vella, ma tah l-ebda hjiel illi kien hemm il-hsieb li jinhargu akkuzi kontra tieghu u lanqas talab lill-Qorti tal-Magistrati biex taghtih it-twissija li tinghata IiI kull xhud li fir-rigward tieghu jkunu sejrin jittiehdu proceduri kriminali. Inoltre lanqas il-Qorti tal-Magistrati ma taghtu l-ebda twissija (caution), la qabel id-deposizzjoni u lanqas fil-kors tax-xiehda tieghu, li jista' jigi espost ghal procediment kriminali kontra tieghu.

Illi l-intimat Spettur Vella wiegeb li meta r-rikorrent bhala ufficjal tal-Pulizija volontarjament xehed fil-kawza kontra Jean Paul Aquilina huwa ma kienx a konoxxenza tal-fatt li kienu ser jittiehdu proceduri penali kontra r-rikorrent u meta dan iddepona minn jeddu f'dawk il-proceduri penali hu ghamel hekk fil-presenza u bl-assistenza tal-avukat tieghu kif ukoll fil-presenza tal-President tal-Union li minnha jifforma parti.

Inoltre bhala Ufficjal tal-Korp tal-Pulizija, ir-rikorrent kien rnharreg biex jgharraf lis-suspettati dwar reati bid-dritt taghhom li jibqghu siekta, ghalhekk ir-rikorrent indubbjament kien jaf b'dan il-jedd li kellu u ma kellux bzonn lil hadd jgharrfu b'dak li kien abbundantement maghruf ghalih. Nono stante , dan, hu ghazel

minn jeddu u fil-presenza u bl-assistenza tal-avukat tieghu, li jixhed fis-seduta tat-28 tal Mejju 2015 quddiem il-Qorti.

Illi l-Qorti tirrileva li fil-proceduri kontra Jean Paul Aquilina, ir-rikorrent xehed bhala ufficjal tal-Korp tal-Pulizija dwar reat li hu suppost kien involut fih biex jipprevjenih jew iwaqqfu jew jinvestigah skont il-ligi. Meta xehed hu kien assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu u ma jirrizultax li f'ebda stadju ta' dawk il-proceduri li huwa qajjem xi lment jew talab il-protezzjoni tal-Qorti kif kien jaf li setgha jaghmel.

Illi f'dan ir-rikors r-rikorrent rnhux qed jitlob li jigu dikjarati nulli dawk il-proceduri kontra Jean Paul Aquilina li fihom allegatament inkiser id-dritt tieghu ghas-silenzju imma li jigu dikjarati nulli l-proceduri penali li ttiehdu kontra tieghu. Illi dik l-allegata lezjoni se mai tista' tigi mqajjma fil-proceduri li tressqu kontra tieghu u jista' iressaq l-eccezzjonijiet kollha fir-rigward ta' dik ix-xhieda. Il-Qorti koncernata tkun tista' tikkunsidra l-valur probatorju tax-xiehda fl-assjem tal-provi kollha li jigu prodotti u anke tordna li ma jsirx uzu minn dik ix-xhieda jekk tigi pprezentata. Izda jigi rilevat li diga fil-proceduri kontra r-rikorrent hemm dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li dik ix-xhieda ma kinitx ser tintuza fil-kawza kontra ir-rikorrent (ara verbal tas-16 ta' Dicembru 2015 a fol. 227).

In kwantu l-azzjoni odjerna hija diretta kontra l-iSpettur Ramon Mercieca u Spettur Jesmond Micallef ir-rikorrent jaghmel referenza ghall-investigazzjoni interna li saret kontra tieghu ujissottometti li dawn l-intimati uzaw raggiri u ghamlulu tranell.

Illi l-intimati Spettur Ramon Mercieca u Spettur Jesmond Micallef cahdu dina l-allegazzjoni u jghidu li din ma hija xejn hlief skuza inveritiera sabiex ir-rikorrent jipprova joskura l-operat tal-intimati. Huma jghidu li meta r-rikorrent irrilaxxa z-zewg stqarrijiet quddiem il-Bord Investigattiv, huwa inghata t-twissija skont il-ligi kull darba u gie spjegat lilu l-fatt li setgha jipprevalixxi ruhu mill-assistenza ta' avukat qabel ma irrilaxxa l-istess stqarrijiet, haga li hu liberalment ghazel li jirrinunzja ghaliha. Illi-investigazzjoni u l-proceduri kriminali sussegwenti fil-konfront tar-rikorrent ittiehdu unikament minhabba tal-agir illegali tieghu u cjoe

li uza forza eccessiva fuq terza persuna bil-konsegwenza li kkawza feriti fuq il-persuna - reat li hu kien fl-obbligu tieghu li jipprevjeni u rnhux li jikkometti huwa stess.

L-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent fir-rigward taz-zewg ufficjali huwa li hurna ma avzawx qabel xehed fil-kawza kontra Jean Paul Aqulina li hum a kellhom l-hsieb li jiehdu passi kontra tieghu. Ighid li huma ghamlulu tranell mahsub biex jiksbu deposizzjoni volontarja u libera minghandu.

Illi Spettur Ramon Mercieca u Spettur Jesmond Micallef ighidu li huma estranji ghall proceduri kriminali kontra Jean Paul Aquilina u cahdu li kellhomx xi intenzjoni li jaghmlulu xi tranell biex jixhed f'dik il-kawza.

Illi mill-atti jirrizulta li wara li saret dina l-investigazzjoni kien gie deciz li jittiehdu passi kriminali kontra r-rikorrent. Issa jekk il-prosekuzzjoni kellhiex ragun jew le li tressqu quddiem il-Qorti hija haga li ghad trid tigi determinata minn Qorti. L-allegazzjonijiet li ghamel r-rikorrent fir-rigward se jigu mistharrga mill-Qorti li se tisma' l-kaz tieghu. Ghalhekk ir-rikorrent ghandu rimedju ordinarju li huwa jista' juza u li ghadu ma ezawriex. Huwa r-rikorrent li jrid jipprova dak li jallega cjoe li l-intimati kellhom l-intenzjoni li dahhluh fi tranell u li diga kellhom l-intenzjoni li jiehdu passi kontra tieghu qabel xehed fil-kawza kontra Jean Paul Aquilina. Haga li ghad trid ssir.

In kwantu l-azzjoni odjerna hija diretta kontra l-validita tal-azzjoni kriminali mehuda kontra tar-rikorrent fil-kaz Il-Pulizija vs David Camilleri et, il-lanjanza tar-rikorrent basikament hija fil-konfront tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu fejn talab li dawn il-proceduri jitwaqqfu billi hurna vizzjati, nulli u bla effett u dana stante li huwa sofra vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-artikolu 6 u 11 tal-Konvenzj oni.

B'verbal tal-20 ta' Jannar 2016 l-intimati ezebew kopja tal-inkartament tal-atti tal-proceduri "Il-Pulizija vs David Camilleri et" (Dok. MCI a fol. 27) u rrilevaw illi l-parti l-aktar relevanti ghall-fini tal-eccezzjonijiet preliminari in diskuzzjoni huwa l-verbal tas-16 ta' Dicembru 2015. (ara fol. 29). L-intimati pprezentaw

ukoll il-verbal tal-5 ta' Awwissu 2015 fil-kawza "Il-Pulizija vs John Paul Aquilina" (Dok. MC2 a fol. 229). Illi skond dan il-verbal tas-16 ta' Dicembru 2015 (a fol. 227) il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-ebda stadju f'dawk il-proceduri (Il-Pulizija vs David Camilleri et) ma kienet ser tuza x-xhieda moghtija minn PC 1265 David Camilleri li kienet inghatat fil-kawza "Il-Pulizija vs Jean Paul Aquilina". Ghalhekk l-intimati jsostnu li l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante li l-proceduri kriminali li gew istitwiti fil-konfront tar-rikorrent bdew fl-14 ta' Lulju, 2015 u ghalhekk meta gie intavolat ir-rikors odjern fil-25 ta' Gunju, 2015, certament mhux minnu li r-rikorrent seta jillanja li ma inghatax smigh xieraq minn Qorti imparzjali fi zmien ragjonevoli fl-imsemmija proceduri kriminali istitwiti fil-konfront tieghu. Inoltre billi id-deposizzjoni kontestata ma gietx inserita fil-proceduri penali kontra r-rikorrent, ir-rikorrent ma jistax ighid li ghandu interess guridiku f'dawn il-proceduri, li hu risaput irid jibqa' jissussisti f'kull waqt tal-kawza.

Illi r-rikorrent isostni li hu ghandu interess u li l-azzjoni tieghu mhijex intempestiva billi meta tressqu l-proceduri kontra tieghu l-vjolazzjoni kienet gja sehhet u ma hemmx skop li jistenna z-zmien ighaddi.

Il-Qorti tirrileva li r-rikors kostituzzjonali odjern gie pprezentat qabel bdew il-proceduri penali kontra r-rikorrent, ghalhekk f'dik il-kawza kontra r-rikorrent ma kienu ghadhom gew lezi l-ebda drittijiet fundamentali tieghu fil-proceduri li huwa qed jitlob li jigu dikjarati nulli. Il-Qorti tista' ssib biss lezjoni fejn qed tintalab li ssib lezjoni, cjoe fil-proceduri li tressqu kontra r-rikorrent. Huwa f'dawk il-proceduri li hu qed jitlob li jigi dikjarat li kien hemm ksur tal-artikolu 6 u mhux fil-proceduri kontra terzi jew investigazzjonijiet preliminari li jwasslu x-xiri tieghu fil-Qorti.

Ir-rikorrent ghad jista' jressaq l-eccezzjonijiet tieghu fir-rigward tax-xhieda kontestata (ghalkemm dina lanqas ser tigi pprezentata fil-kawza kontra tieghu) u xi allegata irregolaritajiet ohra inkluza dik taht l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni (Fir-rigward tad-dritt taht l-artikolu 11 l-intimati jsostnu li r-rikorrent kien assistit mill-avukati tal-Union fil-proceduri kontra Jean Paul Aquilina u xejn ma jzommu milli jigi assistit minnhom fil-proceduri li saru kontra tieghu) quddiem il-Qorti li

qed tisma l-kaz tieghu u li ghandha tistharreg il-valur probatorju tal-provi li tressqu quddiemha fit-totalita tal-provi kollha u dana billi l-process penali jrid jitqies fl-assjem tieghu, u mhux f'episodji izolati, jekk jezistu. Il-Qorti hawn taghmel referenza ghall-kaz **Imbroscia vs Switzerland** (App No 1397/88 - 4/11/1993) u anke decizjonijiet recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fejn intqal li:

> The manner in which article 6(1) and 3(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 - a fair trial - has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case.'

Il-prosekuzzjoni diga ghamlet dikjarazzjoni li ma kienitx ser tintuza x-xhieda moghtija mir-rikorrent fil-kawza "Il-Pulizija vs Jean Paul Aquilina" u fil-fatt il-proceduri nghalqu u dina x-xhieda ma gietx prezentata (ara nota tas-Spettur Nicholas Vella).

Finalment jigi rilevat li d-dritt ghas-silenzju mhux wiehed assolut u jista jkun hemm cirkostanzi fejn dan ikun kompatibbili mas-smiegh xieraq bhal meta l-Qorti jkollha dritt li tislet inferenzi mis-silenzju tal-imputat, meta huwa jkun mistenni li jispjega certi cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrent ghandu rimedju ordinarju biex jikkontesta kull addebitu li sar kontra tieghu kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk ir-rimedju ordinarju ghadu disponibbili ghalih skond il-ligi u l-eccezzjoni qed tintlaqa'.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghed taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni (2) eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali u l-eccezzjoni 4(c) tal-intimat Spettur Nicholas Vella; u in vista ta' dana rnhux qed tinoltra ruhha fuq l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati; taghzel li ma twettaqx is-setghat taghha li tisma' l-kawza skond il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-raguni li r-rikorrent ghandu rimedju "ordinarju" moghti lilu mil-ligi li jista' jinqeda bih qabel ma jdur

ghall-procedura bhal fil-kawza tallum; u tehles lill-intimati milli jibqghu aktar fil-kawza, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur